



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Frar 2019
(OR. en)

6820/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0045(NLE)

AVIATION 35
RELEX 187
COREE 7

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Frar 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 91 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 91 final.

Mehmuż: COM(2019) 91 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.2.2019
COM(2019) 91 final

2019/0045 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-
Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

B'segwitu għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-hekk imsejħa kawżi “Open Skies”, fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi rigward is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi tal-ajru bi ftehim fil-livell tal-Unjoni (l-“awtorizzazzjoni orizzontali”). L-għanijiet ta' ftehimiet ta' dan it-tip huma li jagħtu aċċess mhux diskriminatorju lit-trasportaturi kollha tal-ajru tal-UE għar-rotot tal-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi terzi, u b'hekk il-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi jiġu jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim jieħdu post jew jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet eżistenti fi 22 ftehim bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri u r-Repubblika tal-Korea.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Ftehim se jaqdi għan fundamentali tal-politika esterna tal-Unjoni dwar l-avjazzjoni billi il-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi tal-ajru jiġu jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikoli 100(2) u 218(5) tat-TFUE

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta hija msejsa kompletament fuq l-“awtorizzazzjoni orizzontali” mogħtija mill-Kunsill filwaqt li jitqiesu l-kwistjonijiet koperti mid-dritt tal-Unjoni u l-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru.

- **Proporzjonalità**

Il-Ftehim se jemenda jew jikkomplementa d-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru sa fejn ikun meħtieġ biss biex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni.

- **Għażla tal-istrument**

Il-Ftehim bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Korea huwa l-iktar strument effiċjenti biex il-ftehimiet bilaterali eżistenti kollha dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri u r-Repubblika tal-Korea jiġu jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

B'konformità mal-Artikolu 218(4) tat-TFUE, il-Kummissjoni wettqet in-negożjati f'konsultazzjoni ma' kumitat speċjali. Waqt in-negożjati, l-industrija ġiet ikkonsultat bl-istess mod. Il-kummenti li saru f'dan il-proċess ġew ikkunsidrati. L-Istati Membri kkonċernati vverifikaw il-preċiżjoni tar-referenzi għall-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru. L-industrija enfasizzat l-importanza ta' bażi ġuridika soda għall-operazzjonijiet kummerċjali tagħha.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta tipprevedi s-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri u r-Repubblika tal-Korea se jieħdu posthom dispożizzjonijiet fi ftehim uniku wieħed, jew se jiġu kkomplementati minn dispożizzjonijiet ta' dan it-tip.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Partijiet fil-Ftehim għandhom jinnotifikaw lil xulxin bil-miktub permezz ta' mezzi diplomatiċi dwar it-tlestija tal-proċeduri interni rispettivi tagħhom meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. Il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-aħħar notifika.

Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)

Mhux applikabbli.

Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

Ir-relazzjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi tradizzjonalment kienu rregolati permezz ta' ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi, l-Annessi ta' dawn il-ftehimiet u arranġamenti bilaterali jew multilaterali relatati oħra.

Madankollu, il-klawżoli tradizzjonali ta' deżinjazzjoni fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru tal-Istati Membri jiksru d-dritt tal-Unjoni. Dawn jippermettu li pajjiż terz jirrifjuta, jirtira jew jissospendi l-permessi jew l-awtorizzazzjonijiet ta' trasportatur tal-ajru li jkun ġie

ddeżinjat minn Stat Membru iżda li ma jkunx proprjetà sostanzjali ta' dak l-Istat Membru jew taċ-ċittadini tiegħu u li ma jkunx ikkontrollat effettivament mill-Istat Membru jew miċ-ċittadini tiegħu. Instab li dan jikkostitwixxi diskriminazzjoni kontra t-trasportaturi tal-ajru tal-UE stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru iżda li jkunu proprjetà ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra u li jkunu kkontrollati minnhom. Dan imur kontra l-Artikolu 49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li liċ-ċittadini ta' Stati Membri li jkunu eżerċitaw il-libertà tal-istabbiliment tagħhom, jiggarrantilhom l-istess trattament fl-Istat Membru ospitanti bħal dak li jingħata liċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

Hemm kwistjonijiet oħra, bħal ftehimiet kummerċjali obbligatori bejn il-linji tal-ajru, fejn jenħtiegħ li l-konformità mad-dritt tal-Unjoni tkun żgurata billi jiġu emendati jew ikkomplementati d-dispożizzjonijiet eżistenti fi ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi.

B'konformità mal-mekkaniżmi u mad-direttivi fl-Anness tal-“awtorizzazzjoni orizzontali”, il-Kummissjoni nneozjat Ftehim mar-Repubblika tal-Korea li jissostitwixxi ċerti dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri u r-Repubblika tal-Korea. L-Artikolu 2 tal-Ftehim jissostitwixxi l-klawżoli tradizzjonali ta' deżinjazzjoni bi klawżola ta' deżinjazzjoni tal-UE, li tippermetti li t-trasportaturi tal-ajru kollha tal-UE jibbenefikaw mid-dritt tal-istabbiliment. L-Artikolu 4 jissalvagwardja d-dritt tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni li jimponu, fuq bażi mhux diskriminatorja, taxxi, imposti, dazji, miżati jew ħlasijiet fuq il-fjuwil fornut fit-territorju tagħhom biex jintuża f'inġenju tal-ajru ta' trasportatur tal-ajru ddeżinjat mir-Repubblika tal-Korea li jopera bejn punt fit-territorju ta' dak l-Istat Membru u punt ieħor fit-territorju ta' dak l-Istat Membru jew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. L-Artikolu 5 jsolvi l-kunflitti potenzjali mar-regoli tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni.

Ladarba n-negożjati dwar il-Ftehim ġew konklużi b'suċċess, jenħtiegħ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni Ewropea. Hawnhekk qiegħda tiġi proposta deċiżjoni għal dan l-għan.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-
Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi rigward is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim fil-livell tal-Unjoni.
- (2) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem l-Unjoni, Ftehim mar-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru ("il-Ftehim"). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fit-12 ta' Novembru 2008.
- (3) Sussegwentement, fil-31 ta' Marzu 2009, il-Kunsill adotta Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Ftehim iżda minħabba nuqqas ta' ħeġġa mir-Repubblika tal-Korea, il-Ftehim għadu ma ġiex iffirmat.
- (4) Madankollu, fl-2018, ir-Repubblika tal-Korea esprimiet interess ġdid fl-iffirmar u fil-konklużjoni tal-Ftehim. Peress li għadd ta' ftehimiet bilaterali ġodda dwar is-servizzi tal-ajru bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Istati Membri ġew inizjalati jew iffirmati mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2009¹ hawn, il-Ftehim kellu jiġi aġġornat, u għaldaqstant, hija meħtieġa deċiżjoni ġdida mill-Kunsill għall-iffirmar tiegħu.
- (5) L-għan tal-Ftehim huwa li l-ftehimiet bilaterali dwar servizzi tal-ajru bejn 22 Stat Membru u r-Repubblika tal-Korea jiġu jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru ("il-Ftehim") ġie approvat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu¹.

¹ It-test tal-Ftehim se jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument tas-setgħat sħaħ għall-iffirmar tal-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu, għall-persuna/i indikata/i min-negozjatur tal-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*